XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 21**
**27 ta' Awwissu 2014 fl-5:00p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-5:00 p.m.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Sinjura Dr. Monica Vella | Vici-Sindku |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |
| Sur George Zammit | Kunsillier |

**Uffiċjali:**

Sinjura Sue-Ellen Bugeja Segretarju Eżekuttiv

Intqgħalet it-Talba

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 20 ma kienux lesti u għalhekk ma gewx approvati.

2. **Offerti Bini ta' Latrina fi Gnien ta' Blankas.**

   Il-Kunsill fetaħ l-Offerti. Kien hemm waħda biss. L-Offerta kienet ta' Xewkija Tigers F.C. €41,028.52. Il-Kunsill ser jitkellem mal-Perit u issir laqgħa b'urgenza.

3. **Korrispondanza: il-korrispondenza giet cirkulata u diskussa**

   Mill-korrispondenza

   i. Ittra mingħand The Gozo Youth wind band & orchestra għal talba għal kontribuzzjoni. Il-Kunsill mhux ser jiehu sehem.
   ii. Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq il-live streaming.

iii. Ittra mingħand il-Vote 16 Monitering Committee dwar għażla tal-Ambaxxatur tal-Vote 16. Il-Kunsill ser jara min ser jigi magħzul fil-laqgħa li jmiss.
iv. Ittra mingħand l-Greenpak fuq sistema ta' sms lir-residenti.
v. Ittra mingħand l-Għaqda Armar Xewkija dwar invit għall-ikla ta' San Ġwann Qtugħ ir-Ras.
vi. Memo 24/2014 dwar applikazzjonijiet pendenti quddiem l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA).
vii. Memo 23/2014 dwar manutenzjoni tas-Sinjali u markings tat-toroq u tas-Sleeping Policemen.
viii. Ittra mingħand mill-Ministeru tal-affarijiet barranin fuq servizz li ser jingħata Ghawdex mill-Ministeru tagħhom.
ix. Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuqAssistent Direttur gdid.
x. Cirkulari AGL 47/2014 dwar laqgħat informattivi b'xejn għall-pubbliku rigward l-efficjenza tal-energija effettiva.
xi. Ittra mingħand il-GreenPak fuq il-Mid-Yearly Report 2014.
xii. Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-Europe for Citizens Programme 2014-2020.
xiii. Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq European Mobility week and car free day.
xiv. Ittra mingħand l-Assoċjazjoni Kunsilli Lokali fuq l-Laqgħa Plenarja u laqgħa għas-Sindki.

## 4. Kontijiet

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

## 5. Ilmenti u Suggerimenti

i. Ilment mingħand Raymond Vella rigward tappieri fuq il-bankina tieghu biex isiru tal-hadid fi Triq Santa Katerina peress li qed jghaddu l-karozzi minn fuqhom. Il-Kunsill ma jistax jirranga tappieri peress li dawn mhux responsibilita' tal-Kunsill izda ta' sid id-dar.

ii. Ilment mingħand Maria Buttigieg biex terggha issir stop sign fl-area tal-Barmil. Il-Kunsill ser jara fuq dan.

iii. Suggeriment mingħand John Cauchi biex Triq Ħgejjeg issir one way kif kienet qabel jew inkella issir speed hump. Il-Kunsill ser jara fuq dan ma TM.

Dan il-ħin ħarget il-Kunsilliera Dr. Monica Vella u wasal il-Kunsillier George Zammit

iv. Ilment mingħand Rose Dingli biex tissewwa l-bankina tagħha fi Triq Jean De la Vallette. Il-kunsill ser jara fuq dan.

v. Suggeriment biex issir yellow lines quddiem garage no. 15 fi Trejqet Ein Karem. Il-Kunsill ser jara ma' TM.

## 6. Affarijiet Oħra

i. Il-Kunsill qabel li fil-laqgħa li jmiss ikun prezenti l-kuntrattur tal-knis biex jidiskutu l-knis tar-raħal qabel jigi iffirmat il-kuntratt.

XEWKIJA

**7. Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa giet aggornata fis-6:30 p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |